# TIBDIL IL-GĦASSA
# PIJU XII U ĠWANNI XXIII

Fiż-żmien li aħna fih, mill-akbar bniedem sa l-iżgħar, hawn Malta, jafu bil-mewt tal-Papa Piju XII u bil-ħatra warajh ta' Ġwanni XXIII, għax dan inkiteb fit-tul fil-gazzetti ta' Malta u ta' barra, instama' fuq ir-radju u deher fuq il-Lwieħ Tal-Wiri, jew Television, u għal żmien twil kulħadd kien jitkellem fuq dan. Għalhekk sa niktbu dawn il-kelmtejn mhux wisq għall-Maltin tal-lum, imma aktar għall-Maltin li għad iridu jiġu. Għax in-nies ta' issa għad imutu; u gazzetta n-nies iqattgħuha u jarmuha, imma ktejjeb, bħal dan tagħna, jerfgħuh ma' l-oħrajn u jorbtuhom flimkien, u hekk idum ħaj mijiet ta' snin.

Il-Knisja Kattolika, minn żmien San Pietru 'l hawn, kellha dejjem u għandha issa, Għassies, fuq il-għassiesa l-oħra kollha tad-Djiena Nisranija. Dan il-Għassies għad għandu l-isem ewlieni, bis-Sirjak: BABA, li jiġifieri **missier**, li mbagħad fl-ilsna ta' l-Ewropa tbiddel u sar PAPA. Kif imut wieħed minn dawn il-Għassiesa, jilħaq ieħor, għax il-Knisja Kattolika ma tistax toqgħod mingħajr għassies, li jħares it-Twemmin ta' l-Insara, għax il-għemil ta' kull xirka ta' bnedmin jimxi fuq dak li jemmnu l-imxerkin fiha.

L-aħħar Papa li miet, Piju XII, minna l-Maltin ta' daż-żmien, idum ma jintesa. Ma jintesiex, għax dam Papa għadd ġmielu ta' snin; għax konna naqraw fuqu dali; għax kien raġel ta' studju kbir u f'kollox kien jifhem; għax għamel Domma tal-Fidi t-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, li hu l-akbar festa ta' Malta; għax irriforma s-sawma tat-Tqarbin, u għal wisq ġrajjiet oħra, waħda minnhom hi li darba xxabbat minn fuq is-siġġu fejn kien merfugħ u għannaq u bies b'imħabba l-bandiera Maltija.



**Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Piju XII, ftit jiem qabel ma miet.**

U kif sa jkun il-Papa Ġwanni XXIII li għadu kemm laħaq? Milli jidher, u kif minn issa qiegħed jingħad, sa jkun it-tieni għamla tal-qaddis Papa Piju X. Bħalu bin il-faqar; bħalu ma jafx x'inhi kburija (ara kemm li n-nies tar-raħal tiegħu fejn baqa' jmur jgħaddi xi jumejn btala fiż-żmien li kien Patrijarka, baqgħu jsejħulu "Dun Anġ", u t-tfal jgħajtulu "ziju"); bħal Piju X jiċċaħħad hu biex igħin lil oħrajn. U nittamaw li bħal ma ngħidu l-lum **San** Piju X, in-nies ta' warajna għad igħidu **San** Ġwanni XXIII.

Mela, huwa dmir tagħna l-Maltin tal-lum li nitolbu għall-Papa Ġwanni XXIII, jew aħjar, nitolbu **għall-Papa.** Il-ħajja ta' Papa ma hix bans, xi ħajja ta' mistrieħ. Hija ħajja ta' xogħol



**Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII, ftit jiem wara li nħatar.**
(Ritratt misluf lilna mill-"Information Office")

u taħbil il-moħħ, bi nhar u bil-lejl, u għat-titmim tagħha meħtieġa għerf u saħħa. Nitolbu mela 'l Alla li jagħti lill-Papa għerf u saħħa, biex bħal ma San Pietru kien idir id-dgħajsa bis-sliema qalb il-mewġ tal-Baħar ta' Tabarija, hekk Ġwanni XXIII idir il-Knisja Kattolika bis-sliema qalb it-taqlib tad-dinja ta' daż-żmien. Il-Knisja hija s-Saltna t'Alla fid-dinja; u billi fid-dinja għandu qawwa kbira x-xitan, l-għadu t'Alla, il-Knisja għandha issa u kellha minn dejjem it-taħbit. Għalhekk nitolbu għall-Papa biex Alla jgħinu, u ngħixu ta' Nsara sewwa biex kemm nistgħu nħaffulu minn dak it-toqol kbir.

Kif deher mir-reġistru tal-Franġiskani ta' Ġerusalem, il-Papa Ġanni XXIII, żar il-Palestina meta kien għadu Kanonku, fis-sena 1906. Mar hemm f'Settembru ta' dik is-sena mal-Isqof ta' Bergamo, Mons. Radini-Tedeschi, u damu hemm xahrejn. Sa fejn hu magħruf dan il-Papa hu l-ewwel wieħed li żar l-Art Imqaddsa minn mijiet ta' snin 'il hawn.

FRA PIN, O.F.M.